MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2005

Appell Civili - Ghawdex Numru. 6/1999/1

**Joseph u Rita konjugi Grima**

**vs**

**Francis sive Frank u Emanuela konjugi Rapa**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta’ Novembru, 2004, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti ,

Rat l-avviż li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhomx jiġu kkundannati minn din il-Qorti sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ta' tmien mija u wieħed liri Maltin (Lm801) dovut minnkom lill-istess atturi bħala prezz ta' xogħol magħmul mill-attur Joseph Grima, fuq istruzzjonijiet u a benefiċċju tagħkom, tiġu kkundannati

tħallsu l-istess ammont flimkien mal-interessi dovuti fuq l-istess somma mid-9 ta' Ottubru 1998 sad-data tal-effettiv pagament .

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Ottubru, 1998, kontra tagħkom; u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi t-talba tal-atturi qed tiġi respinta stante li hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt in vista tal-fatt li l-ammont rikjest huwa bil-wisq esaġerat kif jirriżulta mill-annessi żewġ dokumenti markati Dok A u Dok B li jispjegaw aħjar il-pożizzjoni ta' l-istess konvenuti .

B'riserva li jiġu preżentati eċċezzjonijiet ulterjuri .

Bl-ispejjeż kontra l-atturi li minn issa qed jiġu nġunti għas-subizzjoni .

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' April 2000 fejn innominat lill-A.I.C. Joseph Mizzi bħala perit tekniku f'din il-kawża .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku ppreżentata fis-16 ta' Novembru 2001 u maħlufa fil-5 ta' Diċembru 2003 .

Rat il-verbal tagħha tal-20 ta' Mejju 2004 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu il-ħlas ta' xogħol maghmul mill-attur f'dar li kienu qed jibnu l-konvenuti . Il-kontendenti mhumiex jaqblu dwar il-konsistenza proprja tax-xogħol imwettaq u l-kwantita' ta' materjal uzat. L-attur naqas li jipproduci l-ħaddiema tiegħu li kienu nkarigati biex iwettqu x-xogħol fil-fond tal-konvenuti, u li allura setgħu jispjegaw ahjar x'sar u ma

sarx, u dana peress illi l-attur ftit li xejn kien ikun fuq il-lant tax-xogħol . Naqas ukoll li jippreżenta kont dettaljat spjegatttiv tax-xogħol involut, jew dokumenti oħra li setgħu jindikaw kif wasal għas-somma mitluba f'dan l-Avviż . Infatti l-perit tekniku wara li sema' lill-partijiet u għamel aċċess fuq is-sit in kwistjoni, u fin-nuqqas ta' provi iżjed konkreti, wasal għall-konklużjoni illi l-ammont mitlub mill-atturi huwa esaġerat, u għal dak li sab, l-attur ma kienx ħaqqu aktar minn erba' mitt lira maltija (Lm400) [1] .

Billi din hija kwistjoni ta' natura teknika l-Qorti ma tistax ma toqgħodx fuq dak li ddeċieda l-espert minnha nominat u tikkonferma l-konklużjonijiet tiegħu f'dan ir-rigward .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tiddikjara illi l-ammont realment dovut mill-konvenuti lill-atturi fis-somma ta' erba' mitt lira maltija (Lm400), u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-istess somma lill-atturi .

L-ispejjeż tal-kawża, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, fejn filwaqt illi l-atturi ppretendew tmien mitt lira (Lm800), mentri l-konvenuti kienu disposti jħallsu mitejn lira biss, għandhom jiġu ssoportati indaqs bejn il-kontendenti."

L-atturi appellaw minn din is-sentenza u talbu r-revoka taghha. Huma jikkontendu illi skond l-istess relazzjoni peritali li fuqha bbazat il-konkluzjoni taghha l-ewwel Qorti ma kienx jaghmel projbittiv li huma jressqu provi ulterjuri. Dan huwa l-aggravju principali taghhom fil-kontestazzjoni tas-sentenza appellata;

Minn dak li johrog mill-inkartament tal-kaz din il-Qorti tirregistra dawn l-osservazzjonijet preliminari:-

(1) L-atturi ressqu talba ghall-hlas ta' tmien mija u wiehed liri Maltin (Lm801) ghal xoghol minnhom ezegwit fuq inkariku tal-konvenuti. Il-konvenuti kkontrastawlhom il-hlas pretiz billi sostnew li dan kien ezagerat;

[1] Ara konkluzjonijiet peritali a fol. 21 tal-process.

(2) Evidentement il-kuntratt bejn il-kontendenti jixbah dak ta' *locatio-operis* kif definit fl-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili. Jirrizulta li l-partijiet ma kienux ftehmu fuq prezz minn qabel. Fit-termini ta' l-Artikolu 1634, meta hekk irrizulta li kien il-kaz, il-Qorti Inferjuri hatret perit tekniku biex dan jistabbilixxi l-korrispettiv, u dan anke indipendentement mir-rikjesta specifika ta' l-atturi ghas-somma minnhom pretiza ghall-kompiment ta' l-opra ghall-konvenuti kommittenti;

(3) Mir-relazzjoni peritali (fol. 19) il-perit relatur ikkonkluda li s-somma pretiza mill-atturi bhala retribuzzjoni ghax-xoghol esegwit kienet ezagerata. Zied jaggungi illi "sakemm ma jingiebux provi konkreti u bil-gurament li fil-fatt il-haddiema ta' l-attur damu jahdmu fuq il-post aktar minn gimgha kif xehed il-konvenut, il-valur realistiku tax-xoghol dovut lill-attur ma ghandux jeccedi s-somma ta' erba' mitt lira (Lm400)";

(4) Prezentata r-relazzjoni, l-atturi ppretendew li jipproducu zewg xhieda. Dan gie oppost mill-konvenuti. Ara verbal tas-seduta tas-17 ta' Gunju 2003 (fol. 28);

(5) Fis-seduta sussegwenti tal-5 ta' Dicembru 2003 l-atturi talbu li jesebixxu dokumenti gja prodotti f' kawza ohra. Din it-talba wkoll sabet l-opposizzjoni tal-konvenut. Ara verbal a fol. 29. B' digriet tat-30 ta' Marzu 2004 (fol. 31) l-ewwel Qorti cahdet din it-talba. Wara dan il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fid-19 ta' Novembru 2004;

Premessi dawn l-osservazzjonijiet, jirrizulta mill-istess atti processwali illi l-opposizzjoni tal-konvenuti ghall-produzzjoni tax-xhieda u l-esebizzjoni tad-dokumenti minnhom inidikati kienet bazata fuq ir-raguni illi l-perit tekniku kien gja kkonkluda r-rapport tieghu u, dippju, il-prova li l-atturi riedu jaghmlu bix-xhieda u bl-esebizzjoni tad-dokumenti kienet gja maghrufa minnhom minn qabel dak l-istess rapport, u sahansitra minn qabel ukoll ma giet introdotta l-kawza;

L-ewwel Qorti aderiet ma' din is-sottomissjoni imma issa, permezz ta' l-aggravju taghhom, l-atturi appellanti jsostnu li l-ewwel Qorti kienet zbaljata in kwantu din naqset li tati kaz tar-rizerva dwar "provi konkreti" li l-perit relatur ghamel *in coda* ghar-relazzjoni tieghu;

Hi ligi illi "**meta tigi moghtija lill-periti l-fakolta li jircievu dokumenti jew li jisimghu xhieda, ma jistghux jingiebu quddiem il-qorti dokumenti godda jew xhieda ohra dwar l-oggett tal-perizja, hlief fil-kazijiet imsemmija fil-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 150 u fil-paragrafi (a), (b) u (d) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 208**" (Artikolu 679 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili);

Il-gurisprudenza nterpretat din id-disposizzjoni fis-sens li ma sabetx li kienet assoluta tant li ntqal li "*non sarebbe ostativa alla produzione di nuovi testimoni dimostrate a soddisfazione della Corte la necessita` e la utilita` di tale produzione salvo il regolamento delle spese a causa della tardiva produzione; e la disposizione non ostava al rinvio degli atti al perito colla facolta di esaminare nuovi testimoni*" (**Kollez. Vol. XXIII P I p 247**);

Issokta jigi precizat illi "*l' applicazione che delle disposizioni succitate si fa dai tribunali nella maggior parte dei casi lascia intendere come nelle corti, specie di primo grado, sia da seguire un' interpretazione piuttosto larga delle disposizione medisime, e cio anche per evitare la produzione di prove nella corte di secondo grado, mentre poi le conclusioni di una perizia possono ricevere anche maggior conferma dalle nuove prove offerte*" (**Kollez. Vol. XXV P II p 306**);

Issa l-eccezzjonijiet li jsemmi l-Artikolu 679, Kapitolu 12 huma ta' zewg speci, il-wahda trattasi mill-produzzjoni ta' dokumenti (Artikolu 150) u l-ohra dwar il-produzzjoni ta' xhieda (Artikolu 208);

Kwantu ghall-produzzjoni ta' dokumenti jinsab affermat illi "*trattandosi dalla applicazione di una legge procedurale che restringe il tempo per la produzione di documenti, e cio` per motivi di interesse pubblico quali sono la speditezza e la economia dei giudizi, a stabilire il momento da cui il litigante fosse stato nel dovere di produrre la prova, è necessario rapportarsi all' istante nel quale fosse sorto in lui l' interesse di fare la prova, indipendentemente dalla sua opinione circa la rilevanza o l' efficacia della prova medesima, siccome la legge di ordine pubblico non ammettono estensione o restrizione nella loro applicabilita` da motivi di indole privata o singolare*" (**Kollez. Vol. XXIV P I p 237**);

Fil-kaz taht ezami l-atturi appellanti kienu gabu b' raguni ghall-produzzjoni tad-dokumenti minnhom mahsuba l-fatt li huma ma setghux isibu dawn id-dokumenti qabel. Jidher li fir-rigward l-ewwel Qorti rrifjutat il-produzzjoni taghhom ghal motiv li l-parti interessata ma kkonfermatx ir-raguni ghall-produzzjoni taghhom "bil-gurament jew xort' ohra" kif hekk jinsab dettat fis-subparagrafu (d) ta' l-Artikolu 150 (1), Kapitolu 12;

Huwa veru wkoll illi kieku riedet l-ewwel Qorti setghet tezercita d-diskrezzjoni taghha dwar il-produzzjoni tardiva tad-dokumenti ghax dan hu permissibbli lilha skond is-subparagrafu (b) ta' l-imsemmi artikolu. Imma kif inhu risaput, apparti li f' dan il-kaz din id-diskrezzjoni ma gietx ezercitata, anke kieku stess dan hekk sar mhux la kemm Qorti tat-tieni istanza tiddisturba dik l-istess diskrezzjoni (ara **Kollez. Vol. XXVII P I p 344** u **Vol. XXX P I p 737**). Dan ghaliex kwalunkwe intromissjoni tal-Qorti ta' l-Appell trid tkun mehtiega minn konsiderazzjonijiet ta' gravita` u necessita`. ("**Saviour Cini *et* -vs- Vincent Saliba *et***", Appell Civili, 1 ta' Gunju 1992);

Dwar l-eccezzjonijiet prevvisti taht l-Artikolu 208 dwar produzzjoni ta' xhieda, m' hemmx dubju li dak kontemplat taht il-paragrafu (a) tieghu ma jirrikorrix in kwantu l-konvenuti opponew ghall-produzzjoni tax-xhieda li xtaqu

jtellghu l-atturi. Lanqas tirrikorri l-ipotesi mahsuba taht paragrafu (b) ghaliex l-istess atturi appellanti mkien ma ddikjaraw fil-verbal taghhom illi huma ma kienux jafu bihom jew li ma setghux igibu dawn l-istess xhieda quddiem il-perit tekniku. Tibqa' ghalhekk l-eccezzjoni mahsuba taht paragrafu (d) li jippermetti l-produzzjoni ta' xhud meta l-Qorti hija tal-fehma illi x-xhieda hi necessarja jew utli;

Fuq din l-ahhar ipotesi l-ewwel Qorti ma ppronunzjatx ruhha. Dan anke ghaliex ir-rikors li l-avukat ta' l-attur wieghed li kellu jipprezenta f' dan il-kuntest baqa' ma pprezentahx. Eppure issa f' dan l-istadju l-appellanti jergghu, bir-rikors ta' l-appell taghhom, jinsistu ghall-produzzjoni tax-xhieda minnhom specifikati fil-verbal tas-17 ta' Gunju 2003;

Fis-sentenza riportata a **Vol. XLIII P I p 382** fuq rikors ghar-revoka ta' digriet dwar ammissjoni ta' xhud, il-Qorti ta' l-Appell wara li rrilevat illi d-dmir ta' l-appellanti kien dak li jipproducu x-xhieda quddiem il-perit, u li ghalhekk in-necessita` taghhom biex jinstemghu ma nqalghetx wara r-relazzjoni tal-perit, kif hekk ippretendew l-appellanti f' dak il-kaz, ghaddiet biex tirrifletti dwar il-fatt illi ma kienx lanqas ezatt dak sostenut mill-appellanti illi l-perit esprima d-dubju tieghu dwar il-konkluzjoni li wasal ghaliha. Bi kliem proprji nghad fiha "dak li hu veru hu biss illi l-perit sab is-soluzzjoni tal-kwestjoni prezentata miz-zewg partijiet difficli, bhala li kienet tiddependi mill-kredibilita` li kienet tisthoqqilha kull wahda mill-versjonijiet. Anki dan, pero`, jekk gara, kien dovut sempliciment ghall-fatt li l-appellanti naqsu li jgibu quddiem il-perit il-prova li, kieku giebuha, kienet appuntu, kif jippretendu huma, tnaqqas jew tnehhi d-diffikolta tas-soluzzjoni tal-kwestjoni";

Il-materja konsiderata fil-precitata sentenza ma waqfetx hawn. Meta sar appell fil-meritu u regghet giet sollevata l-kwestjoni dik il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha migjuba a **Vol. XLIV P I p 275** irriezaminat il-punt biex tara jekk ghall-konvinciment morali taghha hijiex sodisfatta

illi s-smigh tax-xhud in kwestjoni huwiex necessarju jew espedjenti. Din id-darba l-Qorti fformat il-konvinzjoni li s-smigh tax-xhud kienet espedjenti. Hija rreteniet illi "l-kwistjoni bejn il-kontendenti hija essenzjalment wahda li tiddependi mill-valur u mill-kredibilita` li tinghata lix-xhieda ta' l-istess partijiet". Dan anke ghaliex irriteniet li l-perit gudizzjarju sab is-soluzzjoni aktarx difficli. Ghalhekk il-Qorti ghaddiet biex ammettiet is-smigh tax-xhud in bazi ghall-paragrafu (d) ta' l-Artikolu 208 billi kkonkludiet illi issa li l-kawza fil-meritu tinsab quddiemha, hi mhix necessarjament marbuta bid-diskrezzjoni wzata mill-ewwel Qorti u tista' tuza d-diskrezzjoni taghha stess skond kif jidhrilha sewwa ghall-konvinciment morali taghha";

Fil-kaz in ispecje, l-ewwel Qorti, filwaqt li nnotat in-nuqqas ta' qbil dwar il-konsistenza tax-xoghol imwettaq u l-kwantita` ta' materjal uzat, ghaddiet biex fil-parti recitativa tas-sentenza mmotivat il-konkluzjoni taghha fuq il-bazi li gjaladarba l-kwestjoni kienet ta' indole teknika ma kellhiex ghazla ohra hlief li toqghod fuq ir-rizultanzi u l-konkluzjonijiet tieghu. Dan allavolja, l-istess espert mahtur minnha ma naqasx milli jissuggerixxi l-utilita` ta' provi konkreti dimostrattivi ta' kemm il-haddiema damu jahdmu fuq il-lant tax-xoghol;

Jekk hemm bzonn jigi ripetut din il-Qorti gja ssenjalat x' kellu jkun id-dover tal-parti li ggib il-provi fil-mument opportun. Ghall-ezattezza, kif drabi ohra rimarkat, "il-principju kellu jkun illi parti kellha ggib il-provi taghha fl-istadju opportun, u sanzjoni ghal dan in-nuqqas hu li l-parti titlef l-opportunita` li hekk taghmel fi stadju iehor". Issokta jigi precizat illi s-subinciz (d) ta' l-Artikolu 208 "allura qieghed proprju biex ikopri dawk il-kazijiet fejn il-Qorti jkun jidhrilha li, b' sens ta' gustizzja u ekwita`, xhud rilevanti ghall-kaz kellu jinstema' u dan ghaliex, fl-assjem tac-cirkostanzi kollha, dwar in-nuqqas ta' produzzjoni fl-ewwel stadju n-nuqqas ta' min jitolob produzzjoni ta' xhud ma jkunx wiehed gravi u allura jkun jista' jigi gusitifikat" –

"**Lino Debono -vs- Saviour Balzan**", Appell, 6 ta' Dicembru 1999;

Din il-Qorti tirrikonoxxi u taccetta in linea ta' massima din l-enuncjazzjoni anke ghaliex qatt ma hu fil-hsieb taghha li thalli l-kawzi jittraxxinaw ruhhom *ad infinitum*. B' danakollu issa li ghandha quddiemha l-meritu tal-kaz il-Qorti hi tal-fehma li ma thossx li hi sufficcjenti r-raguni addetta biex jigu michuda x-xhieda u jigu prodotti d-dokumenti, u thoss li ghandha tippreferixxi l-veduta aktar temprata li tuza d-diskrezzjoni taghha ghall-ahjar konvinciment taghha u s-sens tal-gustizzja;

Fic-cirkostanzi fuq delinejati, senjatament ir-rizerva maghmula mill-perit gudizzjarju ghall-iskop li ssir stima aktar akkurata, il-kwestjoni tan-necessita` li jinstemghu x-xhieda u jigu prodotti d-dokumenti f' dan il-kaz tidher tabilhaqq espedjenti in bazi ghall-paragrafu (d) ta' l-Artikolu 208. Ghalhekk il-Qorti ssib li ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja l-kwestjoni tigi diskussa u evalwata fl-isfond komplet tal-fatti. Naturalment din l-indulgenza tal-Qorti f' dan il-kaz iggib maghha s-sanzjoni fuq l-appellanti li jabti l-ispejjez ta' dan l-appell.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza appellata biex taghti opportunita` lill-atturi appellanti jipproducu x-xhieda minnhom indikati fil-verbal tal-process a fol. 28 u jesebixxu d-dokumenti indikati fil-verbal a fol. 29. Tirrimetti l-process lura lill-ewwel Qorti ghal dan l-iskop u ghad-decizjoni finali biex b' hekk ma jintilefx id-dritt tad-*doppio esame*. Huwa xieraq li l-ispejjez ta' din il-procedura jitbatew mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------